MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 52/2009

**Anthony Gauci – ID 544752(M)**

**vs**

**Malta Maritime Authority**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' l-istess Anthony Gauci li ghandu karta ta' identita' 544752(M) li joqghod 9, Emilio Camilleri Street, Fgura, datata 21 ta’ Jannar 2009 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona: -

Illi l-esponenti jahdem bhala *berthing assistant* ma' l-Awtorita' intimata u ilu hekk aktar minn ghoxrin sena bhala impjegat fejn ix-xoghol tieghu kien jinkludi *patrols* mal-moll ta' Ta' Xbiex u josserva d-dghajjes li jitrakkaw mal-istess moll li dawn iharsu l-Ligijiet dwar is-sigurta', kwarantina, dazju, u kull ligi ohra inkluza dik ta' prevenzjoni ghall-perikolu jew theddid ghas-sahha fil-marina;

Illi fit-23 ta' Frar 2008 waqt li hu kien xoghol osserva haddiema ta' l-istess awtorita' intimata jaghmlu xoghol ta' *welding* fuq il-pontun u kellhom biss zewg *fire extinguishers* domestici li kienu ta' periklu kbir u dan peress li jekk jinqala’ incident tan-nar ma kienx hemm ghodda bizzejjed dakinhar biex in-nar jekk jinqala' jkun jista' jigi kontrollat u jitwaqqaf u dan *stante* n-nuqqas fis-sistema ta' *hose pipes* li f’ dik il-gurnata ma kenitx qieghda tahdem dakinhar;

Illi minhabba li f’dik il-gurnata tat-23 ta' Frar 2008 l-esponenti ha azzjoni skont il-Ligi ma' l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz biex jippreveni possibbilta' qawwi ta' nar fil-marina ta' Ta' Xbiex spicca sospiz mill-awtorita' intimata dan skont ittra tas-Sur Chris Schembri dak iz-zmien *berthing master* ma' l-awtorita' intimata datata 23 ta'

Frar 2008;

Illi r-rikorrenti ghadu sallum sospiz wara li ghalkemm gie sottomess ghal procedura dixxiplinarja komposta mill-istess awtorita' intimata liema procedura twaqqfet minhabba li persuna li kien ufficjal gholi mal-awtorita' intimata ma baqghetx impjegta mal-istess awtorita', fejn wara li nstemghu l-provi kollha r-rikorrent rega' gie infurmat li kellu jerga' jiffaccja mill-gdid il-procedura dixxiplinarja fejn giet iffissata d-data tat-22 ta' Lulju 2008 u *nonostante* dan il-kaz xorta ma giex mismugh ghat-tieni darba;

Illi r-rikonent per konsegwenza pprezenta protest gudizzjarju kontra l-awtorita' intimata u sostna li dan l-agir imur kontra l-principji tal-*fair hearing* u certament jikser l-Artikolu 469A 1(a) *stante* li dan l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta;

Illi fil-kontro-protest ta' l-awtorita' intimata, l-istess awtorita' intimata qalet hekk, *“Id-deputy Chairman li jippresjedi l-Bord tad-Dixxiplina, jisma' l-provi u jaghti d-decizjoni nbidel u ghalhekk kien ikun ultra vires u kontra l-interessi tal-protestat Anthony Gauci li tinghata sentenza minn persuna li ma tkunx semghet il-kaz! Huwa ghalhekk li l-kaz jista’ jerga' jinstemgha sakemm il-protestat Anthony Gauci ma jaqbilx li l-kaz jista’ jinqata' fuq il-provi migbura"* u f’ ittra tat-13 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent *tramite* l-konsulent legali tieghu informa lill-awtorita' intimata li l-istess Bord ta’ Dixxiplina jista’ jghaddi ghas-sentenza minnufih, *“u dan sakemm li jigi accertat li l-membri tat-Bord u c-Chairman prezenti m'ghandhom l-ebda konflitt ta' interess"*;

Illi *nonostante* l-kontro-protest tal-14 ta' Awwissu 2008 tal-awtorita' intimata wara l-protest tar-rikorrenti numru 383/2008 fl-ismijiet Anthony Gauci vs Awtorita' Marittima ta' Malta, wara l-ittra legali tat-13 ta' Ottubru 2008 biex l-awtorita' intimata *tramite* l-Bord tad-Dixxiplina kif kompost jghaddi ghas-sentenza wara dan iz-zmien kollu li r-rikorrent ghadu

sospiz, f'ittra ohra tat-18 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent ghall-ahhar darba ta gimgha cans lill-Awtorita' intimata biex tghaddi ghas-sentenza, *"u dan b' segwitu tal-istess dicitura li hemm indikat fil-kontro-protest tieghek. Fin-nuqqas m' hemmx alternattiva ohra hlief li nipprocedi civilment ghad-danni u ghad-drittijiet kostituzzjonali tal-klijent tieghi";*

Tghid ghalhekk l-awtorita' intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-ghemil amministrattiv tal-istess awtorita` intimata jikser il-Kostituzzjoni u allura l-Artikolu 39(2) tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Taghti dawk ir-rimedji mehtiega inkluzi d-danni hekk likwidati fil-konfront tar-rikorrenti kif ukoll tillikwida d-danni sofferti b'effett mit-23 ta' Frar 2008 lir-rikorrenti li sallum ghadu sospiz mix-xoghol;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju u l-Awtorita' intimata qieghda minn issa tigi inguta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta' Marzu 2009.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta Awtorita` Marittima ta' Malta datata 18 ta' Frar 2009 (fol 16) fejn Godwin Callus jikkonferma bil-gurament tieghu li huwa jaf personalment il-fatti hawn imsemmija u espona illi : -

1. Eccezzjonijiet: Preliminarjament, ir-rikorrenti irid qabel xejn jiccara “l-oggetti tal-kawza” u "r-raguni tat-talba' *ai termini* tal-artikolu 156(1) tal-Kap 12.

Fatti dwar din l-eccezzjoni;

(i) Illi mhuwiex car mit-talbiet jekk Anthony Gauci huwiex qieghed jipprocedi ghal rimedju Kostituzzjonali (f’liema kaz dawn mhumiex il-proceduri idoneji) jew ghal stharrig ta' ghemil amministrattiv *ai termini* tal-Artikolu 469A(1)(a).

(ii) Illi lanqas jirrizulta car x'inhuwa "l-ghemil amministrattiv” li qed isemmi Anthony Gauci fl-ewwel talba tieghu ghalkemm jidher li qed jirreferi ghal allegat dewmien fil-hrug tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina fi hdan l-Awtorita` Marittima ta' Malta.

2. Eccezzjoni: Illi ma sar ebda ksur tal-Artikolu 39(2) tal-

Kostituzzjoni ta' Malta (li jiggarantixxi "smigh xieraq f’gheluq zmien ragjonevoli).

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

(i) Illi *ai termini* tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap 12, jigi dikjarat illi mhux qed jigi kontestat mill-konvenuta illi (a) ir-rikorrenti huwa *berthing assistant* mal-Awtorita` (b) illi huwa gie sospiz mill-Awtorita` intimata nhar it-23 ta' Frar 2008 (ghalkemm, kif ser jigi pruvat fll-mori tal-kawza, kien hemm

ragunijiet serji u rikorrenti li jiggustifikaw tali sospensjoni, inkluz episodji ripetuti ta' tghajjir, rikatti u intimidazzjoni) (c) illi nbdew proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina illi sussegwentement gew sospizi *stante* illi d-*Deputy Chairman* tal-Awtorita` li jippresjedi l-Bord ma baqax impjegat tal-Awtorita` u (d) illi kien biss f'ittra tat-13 t'Ottubru 2008 ir-rikorrenti avza lill-Awtorita` illi ma kellux oggezzjoni illi l-Bord tad-Dixxiplina jghaddi ghal decizjoni.

(ii) Illi l-bqija tal-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat qed jigu kkontestati.

(iii) Illi, qabel xejn, ftit tal-jiem biss wara li nstemghu l-provi quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, Edgar Gatt, eks-*Deputy Chairman* tal-Awtorita` intimata li kien jippresjedi l-Bord, spicca mill-pozizzjoni tieghu. Il-proceduri gew ghalhekk sospizi sabiex ma jinkisirx id-dritt ghal smigh xieraq ta' Anthony Gauci billi tinghata sentenza minn persuna li ma tkunx semghet il-kaz.

(iv) Illi sadanittant l-Awtorita` intimata kienet *inter alia* infurmat lir-rikorrenti li c-*Chairman* il-gdid tal-Bord tad-Dixxiplina kien lest jew jisma' x-xhieda mill-gdid jew jghaddi ghad-decizjoni pero` dan biss bil-kunsens inekwivoku tieghu. Kien biss f'ittra tat-13 ta' Ottubru 2008 (u cjoe` aktar minn xahrejn wara l-protest illi ghalih jaghmel referenza ir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu) illi Gauci kkonferma illi l-Bord tad-Dixxiplina jista' jghaddi ghal sentenza minghajr ma jisma' x-xhieda mill-gdid.

(v) Illi ghandu jinghad illi minn dak iz-zmien l-Awtorita` intimata, li hija konxja ta' cirkostanzi personali difficli li ghaddej minnhom il-konvenut,

kienet qed tipprova' tilhaq soluzzjoni sabiex Anthony Gauci ikun jista' jirtira jew jirrizenja mill-impjieg tieghu qabel ma, possibilment, jitkecca.

(vi) Illi fid-dawl tal-proceduri l-Awtorita` tiddikjara illi l-Bord ta' Dixxiplina kif prezentement presjedut sejjer jghaddi ghal decizjoni f'qasir zmien.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi, partikolarment wara li jsiru l-kjarifiki fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur Anthony Gauci datata 31 ta' Lulju 2013 a fol 161 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta datata 23 ta' Settembru 2013 a fol 165 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presejduta fejn fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013 meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Camilleri ghall-Awtorita` intimata u Dr. Caroline Farrugia ghall-atturi prezenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta' Frar 2014.

Rat is-surroga datata 9 ta' April 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta, u appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-5 ta' Gunju 2014 sabiex il-partijiet fil-mori jiddikjaraw b' nota l-informazzjoni mitluba a fol 186 tal-process u ghat-trattazzjoni finali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2014 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Camilleri ghall-Awtorita` intimata u Dr. Robert Vassallo bhala rapprezentant tal-istess. Dehret ukoll Dr. Caroline Farrugia ghar-rikorrenti prezenti. Id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li huma jistriehu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa rispettivament u li ghalhekk il-kawza tista’ tithalla ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Ottubru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi dan hu kaz ta' stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv. Ir-rikorrent, li hu impjegat mal-Awtorita' intimata, b'Rikors Guramentatipprezentat fil-21 ta' Jannar 2009, jilmenta li d-dritt tieghu ghas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta gie lez mill-Awtorita' intimata billi damet biex tghaddi ghas-sentenza fi proceduri dixxiplinari li gew istitwiti kontrih. B'din il-kawza, ukoll, ir-rikorrent qed jitlob li jinghatawlu r-rimedji mehtiega inkluzi d-danni sofferti minnu b'effett mit-23 ta' Frar 2008 meta safa' sospiz mix-xoghol.

L-Awtorita' intimata ikkontestat dawn it-talbiet b' eccezzjonijiet ta' indoli procedurali kif ukoll permezz ta' eccezzjonijiet fuq il-mertu. Bl-ewwel eccezzjoni taghha, l-Awtorita' intimata sostniet li "*l-oggett tal-kawza"* u "*r-raguni tat-talba"* mhumiex cari kif jrid l-artikolu 156(1) tal-Kap.12. L-Awtorita' eccepiet fil-mertu li ma sar ebda ksur tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Il-fatti rilevanti ghall-kaz odjern huma s-segwenti.

Ir-rikorrent kien impjegat mal-Awtorita' intimata bhala *berthing assistant*. Fit-23 ta' Frar 2008 gie sospiz mix- xoghol wara incident li sehh fuq il-post tax-xoghol (dwar dan r-rikorrent jiggustifika bil-qawwa kollha l-ghemil tieghu). Ittiehdu proceduri dixxiplinari kontrih u l-provi tressqu quddiem Bord tad-dixxiplina f'seduta tal-10 ta' April 2008[1]. Ma nghatatx decizjoni ghaliex il-komposizzjoni tal-Bord inbidel. Sadanittant ir-rikorrent baqa' sospiz mill-impieg tieghu u pprezenta protest gudizzjarju kontra l-Awtorita' fejn ipprotesta d-dewmien (Prot. 383/2008 fl-ismijiet *Anthony Gauci v Awtorita' Marittima ta' Malta)*.[2] L-Awtorita' wiegbet b'kontro-protest[3] ipprezentat fl-14 ta' Awwissu 2008 fejn gharfitu li l-kaz kellu jerga' jinstema' mill-gdid diment li ma jaghtix il-kunsens sabiex il-kaz jigi deciz fuq il-provi gja migbura. Ir-rikorrent permezz ta' ittra legali datata t-13 ta' Ottubru 2008 informa lill-Awtorita' li l-Bord seta' jghaddi fuq id-decizjoni fuq il-provi migbura "*sakemm jigi accertat li l-membri tal-Bord u c-Chairman prezenti m'ghandhom l-ebda kunflitt ta' interess*"[4]. F'ittra ohra tat-18 ta' Novembru 2008[5] ir-rikorrent ta lill-Awtorita' gimgha cans biex tghaddi ghas-sentenza. B'ittra tad-19 ta' Frar 2009 il-Bord ikkomunika d-decizjoni ffirmata minn Ray Stafrace mehud fuq il-provi migbura.

**<u>Fatti Mhux ikkontestati</u>**

[1] Rapport esebit bhala *Appendix 5* a fol 69-84 tal-process.
[2] Kopja esebita a fol 11-12 tal-process.
[3] Kopja esebita a fol.13-14 tal-process.
[4] Kopja esebita a fol. 15 tal-process.
[5] Esebit bhala DOK AG2 a fol. 28 mal-affidavit tar-rikorrent a fol. 26

Mir-risposta tal-Awtorita` jirrizulta li s-segwenti fatti mhumiex qed jigu kkontestati:

(a) ir-rikorrenti huwa *berthing assistant* mal-Awtorita`;

(b) illi huwa gie sospiz mill-Awtorita` intimata nhar it-23 ta' Frar 2008 ;

(c) illi nbdew proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina illi sussegwentement gew sospizi *stante* illi d-*Deputy Chairman* tal-Awtorita` li jippresjedi l-Bord ma baqax impjegat tal-Awtorita`; u

(d) illi b'ittra tat-13 t'Ottubru 2008 ir-rikorrenti avza lill-Awtorita` illi ma kellux oggezzjoni illi l-Bord tad-Dixxiplina jghaddi ghal decizjoni.

**<u>Decizjoni tal-Bord</u>**

Bid-decizjoni datata id-19 ta' Frar 2009 ir-*review Board* mahtur mill-Awtorita' fil-kaz tar-rikorrent sab li l-akkuzi imressqa kontra r-rikorrent kienu gustifikati u li kien jimmerita t-tkeccija. Madanakollu minhabba ragunijiet umanitarji r-rakkomandazzjoni kienet fis-sens li r-rikorrent kellu:

1. Jidhol ghax-xoghol minghajr dewmien u bil-paga shiha.

2. Jinghatalu "*severe warning".*

*3.* Jibqa' b'nofs paga tul il-perjodu fejn kien jinsab sospiz mix-xoghol (**RS1**)[6].

[6] Esebit a fol.47 tal-process

**PROVI PRODOTTI**

**Ir-rikorrent** xehed b'affidavit[7] fejn qal li kien baqa' sospiz mix-xoghol sakemm bdew il-proceduri odjerni. Wara li pprezenta dan ir-rikors rega' ddahhal ghax-xoghol.

**In kontro-ezami** xehed[8] li xogholu kien ta' *berthing assistant* izda wara li sar *competitive assessment,* baqa' fl-istess xoghol fil-Marina tal-Msida u hass ruhu "*ddiskriminat ghax ma kienx maghzul."* Kien hemm *berthing assistants* ohra li ma ntaghzlux. Kien ilmenta mal-OHSA kif ukoll ghamel rapport lill-ufficju tal-Ombudsman. Dan tal-ahhar cahad l-ilment tieghu.

Fil-gurnata tal-incident, ghalkemm ha azzjoni immedjata preventiva minhabba c-cirkostanzi spjegati fir-rikors promotur, spicca sospiz mix-xoghol. Gew istitwiti proceduri kontrih quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u wara li nstemghu l-provi kollha, inbiddlet il-komposizzjoni tal-Bord.

**Godwin Callus,** *personnel manager* mas-socjeta` intimata, xehed[9] li ma kienx xoghol l-attur li jiehu hsieb is-sigurta' fuq il-*pontoons*. Meta rega' xehed[10] qal li kien involut fil-kaz mil-lat amministrattiv biss u ma kellux x'jaqsam mal-kaz *per se* u mal-incident. Ikkonferma[11] li kien membru tal-Bord tad-Dixxiplina u li kien prezenti waqt id-diskussjoni li sar fuq il-kaz tar-rikorrent.

---

[7] Esebit a fol 25-26 tal-process.
[8] Seduta tal-15 ta' Novembru 2012 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.
[9] Seduta tat-23 ta' Frar 2010 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.
[10] Seduta tal-11 ta' April 2011 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.
[11] Seduta tal-20 ta' Ottubru 2011 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.

**Ray Stafrace**, *Director Procurement*, gja *Financial Controller* mas-socjeta' intimata, xehed[12] li gie nominat biex jaghmel *review* tal-proceduri dixxiplinari mehuda wara li kienet giet itterminata l-kariga ta' Edgar Gatt li kien ic-Chairman tal-Bord tad-Dixxiplina. Hu ma kienx involut fil-proceduri dixxiplinari li svolgew qabel ma ha il-kariga tieghu. Esebixxa dokument (**RS1)**[13] fejn stqarr li kien jaqbel mar-rapport sottomess minn Gatt fejn ikkonkluda hekk: "*I confirm that Mr. Gauci is guilty of the charges brought against him. It is therefore my decision that such charges brought against Mr. Gauci are justified and merit dismissal."* Dan ir-rapport tax-xhud hu datat id-19 ta' Frar 2009. Madanakollu hu rrakkommanda li r-rikorrent jibqa' fl-impieg mal-Awtorita' *on compassionate grounds*. Din id-decizjoni giet ikkomunikata lir-rikorrent fil-mori tal-proceduri odjerni b'ittra datata il-25 ta' Frar 2009.[14]

Meta rega' xehed[15] qal li il-Bord tad-dixxiplina kien lesta ir-rapport u dak iz-zmien Edgar Gatt, il-Vici Chairman tal-Awtorita' Marittima, spicca mill-kariga tieghu ta' Chairman tal-Bord. Ir-rapport tieghu ghalhekk ma kienx konkluz. L-Awtorita' tat l-opportunita lir-rikorrent jew li l-kaz jerga' jinstema' mill-gdid jew li tikkonkludi b'li kien hemm. L-impjegat ghazel li tikkonkludi.

Ix-xhud ikkonferma[16] li r-rapport kien gja miktub izda mhux iffimat wara li nstemghu x-xhieda kollha fil-kaz fis-sena 2008. Ma setax iwiegeb x'kienet ir-raguni ghad-dewmien mit-13 ta' Ottubru 2008 (id-data tal-ittra mibghuta mir-rikorrent) sa Frar 2009 (id-data tad-decizjoni finali). Hu wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu abbazi tar-rapport li gie mghoddi lilu. Hu ra il-*file* kollu hlief li ma regax baghat ghax-xhieda.

---

[12] Seduta tat-23 ta' Frar 2010 quddiem Dr Yvette Cassar ASG
[13] Esebit a fol.47 tal-process
[14] Kopja esebita a fol 48 tal-process.
[15] Seduta tal-11 ta' April 2011 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.
[16] Seduta tal-28 ta' Gunju 2011 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.

**Dr.Robert Vassallo,** *Legislation and Compliance Manager* mad-Direttorat ta' Portijiet u Yachting, xehed[17] li fis-sena 2008 kien appuntat bhala Segretarju tal-Bord tad-Dixxiplina fil-kaz tar-rikorrent u ha l-minuti tal-proceduri[18]. L-incident li wassal ghall-procedimenti kontra r-rikorrent kien jirrigwarda Pontoon B fi Msida Marina li sehh fit-23 ta' Frar 2008 bejn ir-rikorrent u numru ta' impjegati tal-Awtorita'. Qal li quddiem il-Bord kull ma kien hemm kienet seduta wahda u x-xhieda kollha nstemghu.

**Konsiderazzjonijet ta' Dritt marbutin mal-kaz**

Qabel xejn il-Qorti ser tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-Awtorita' peress li huma ta' natura procedurali.

Bl-ewwel eccezzjoni taghha, l-Awtorita' qajmet l-allegat mankanza tar-rikorrent li jfisser sew l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba tieghu *ai termini* tal-artikolu 156(1) tal-Kap.12.

Il-parti rilevanti tal-**Art 156(1) tal-Kap.12** jiddisponi hekk:

***"156.** (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u*

*għandu jkun fih -*

[17] Seduta tal-10 ta' Mejju 2012 quddiem Dr Yvette Cassar ASG.
[18] **Dok RV1** esebit a fol 131-134 *a tergo* tal-process.

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;....."*

Skont l-Awtorita' mhuwiex car:

a) jekk ir-rikorrent huwiex qed jipprocedi ghal rimedju Kostituzzjonali; u

b) ma jirrizultax car x'inhu "l-ghemil amministrattiv" in mertu.

Riferibbilment ghall-ewwel binarju ta' din l-eccezzjoni, id-difensur tal-intimata ssottometta li l-attur baqa' sa l-ahhar ma ccarax xi proceduri qed juza u kif imposti t-talbiet lanqas jistghu jigu kkunsidrati u wisq anqat jintlaqghu ghaliex "*ma jinkwadrawx taht xi forma ta' procedura partikolari premessa mil-ligi nostrana."*[19]

Hu pacifiku li l-artikolu 156(1) (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et**" (Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li –

[19] Nota ta' sottomissjonijiet para 3.0 a fol 172 tal-process.

"*U ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda."* (Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza

**"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –

*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-* Kap.12] *u ghalhekk igib mieghu n-nullita' tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u* mhux spezzettata."

Fil-kawza "**Vella vs Cefai"** (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta f' citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni tal-Art.156(1)(a) ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita' pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet

tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita' u sabiex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita' u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita' ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

Il-prassi segwita minn dawn il-Qrati, anke a bazi tal-emendi

introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (**"Fino vs Fabri noe"** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/RCP – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u " – Vol.LXXVI.IV.666].

Jinghad ukoll li l-Art.156(1) ghandu jinqara ukoll flimkien ma' l-**Art.789 tal-Kap.12.** Infatti l-kazi li fihom l-eccezzjoni

tan-nullita' ta' atti gudizzjarji tista' tinghata huma dawk imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Art.789. L-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom. ("**K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/JRM – 13 ta' Marzu 2003). Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried

iqeghdha, hija moghtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino".**[20]

Fl-istess sentenza surriferita "**K.B. Real Estate Limited v Silvio Felice Limited**" jinghad hekk dwar l-element tal-kjarezza fl-att tac-citazzjoni li "*l-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tiftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew sahansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnfisha...... fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innfishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita' huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur...... jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew l-eccezzjonijiet..*."

Din il-Qorti tikkondividi dan l-insenjament. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12.

Huwa minnu li bl-ewwel talba tieghu, r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni li l-"ghemil amministrattiv" tal-Awtorita' jikser il-Kostituzzjoni minghajr ma jaghmel riferenza ghall-artikolu 469A tal-Kap.12. Madanakollu fil-premessi nsibu riferenza ghall-protest gudizzjarju intavolat mir-rikorrent fejn sostna li l-agir tal-Awtorita' *"imur kontra l-principji tal-fair hearing u*

[20] **28.1.1998** (Kollez.Vol: **LXXXII.ii.30**)

*certament jikser l-Artikolu 469A (1)(a) stante li dan l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ta' Malta."*

Effettivament, qari tar-rikors guramentat ma jhallix dubbju dwar r-raguni tat-talba u dwar l-oggett tal-kawza. L-istess Awtorita' turi li mhix fid-dubbju dwar ir-ragunijiet u l-oggett tat-talba ghaliex hi stess taghmel riferenza specifika ghas-subartikolu 469A(1)(a) tal-Kap.12 fl-eccezzjonijiet taghha. Il-ksur tal-Kostituzzjoni hija espressament ikkontemplata fis-subartikolu 469A(1)(a) tal-Kap.12 u ghalkemm l-ewwel talba attrici setghet kienet ifformolata ahjar biex tinkorpora testwalment riferenza ghal dan is-subartikolu, ezami tal-premessi fir-rikors promotur ma jwasslux ghall-incertezza tali li l-intenzjoni tar-rikorrent ma jiftehimx mill-intimat.

Riferibbilment ghall-incertezza ravvisata mill-intimata dwar l-*ghemil amministrattiv* leziv, minn qari tar-rikors promotur jirrizulta li l-ghemil lanjat jikkonsisti fl-allegat dewmien fit-tehid tad-decizjoni dixxiplinari mill-Awtorita. Mhix il-procedura li giet segwita mill-Bord ghas-smigh tal-kaz li hija fil-mira ta' din l-azzjoni, imma id-dewmien li, skont ir-rikorrent, hu irragjonevoli bi ksur tal-jeddijiet tieghu taht l-artikolu 39(2) tal-Kostittuzzjoni ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li bil-mod kif l-attur imposta l-istanza tieghu, l-intimata ma garrbet l-ebda pregudizzju, tant illi ressqu eccezzjonijiet precizi u dettaljati biex ifissru r-ragunijiet taghhom ghaliex it-talbiet m'ghandhomx jigu milqugha fil-mertu.

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.**

**L-Artikolu  469A(1)(a)**

Ir-rikorrent jilmenta li sofra lezjoni tad-dritt tieghu tas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli sancit bl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni minhabba l-ghemil amministrattiv tal-Awtorita` Marittima ta' Malta. Hu ghalhekk qed jinvoka l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

In fatti fis-sottomissjonijiet tieghu il-miktub jghid hekk: "*Illi kollox huwa marbut ma' zewg punti kardinali f'din il-procedura li huma jekk kienx hemm ghemil amministrattiv u jekk dan l-ghemil jmurx kontra l-istess artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni  ta' Malta."*

**L-art 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi hekk:

"**39 (2)** *Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi*

*għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*."

Il-Qorti, izda, mhix tal-opinjoni li l-punti mqajma f'din il-kawza huma daqshekk semplici kif ipingihom ir-rikorrent, anke fid-dawl tas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Awtorita' intimata u tal-gurisprudenza tal-Qrati taghna fejn il-portata tal-artikolu 469A(1)(a) tinghata tifsira specjali fid-dawl tal-kompetenzi separati bejn il-Qrati ordinarji u dawk ta' kompetenza kostituzzjonali.

**Sottomissjonijiet tal-Awtorita' Intimata**

Skont l-Awtorita intimata, l-Artikolu 469A mhuwiex applikabbli ghaliex ghalkemm ir-rikorrent qed jilmenta minn dewmien fil-proceduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, mhux qed ifittex li dawn jigu dikjarati "*nulli, invalidi u bla effett"* kif jghid l-istess artikolu tal-Ligi.

*Inoltre* l-Awtorita' invokat l-artikolu 469A(6) li jezenta mill-operat ta' dan l-artikolu kwistjonijiet li jirrigwardaw l-impjieg jew kuntratt ta' servizz mal-Gvern u jsostni li r-rikorrent kellu, *semmai*, jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali *a tenur* tal-artikolu 469A(4).

*Inoltre* lanqas tista' din il-kawza titqies bhala 'procedura semplici' ghal danni civili meta hija 'konfezzjonata' bhala lment ta' natura kostituzzjonali.

Dawn is-sottomissjonijiet iqajmu kwistjonijiet ta' dritt li issa ser jigu trattati.

L-**artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta,** jirregola l-gurisdizzjoni tal-Qorti li tistharreg il-validita` *o meno* ta’ xi ghemil amministrattiv, u li tiddikjara dak l-ghemil null u minghajr effett. Is-setgha li tinghata mill-imsemmi disposizzjoni lill-Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija:

(a) Dik li tistharreg is-siwi ta’ dak l-ghemil, jew

(b) Li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett.

Dan meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew ikun sar lil hinn mis-setgha ta’ min wettqu (*ultra vires).*

Din l-azzjoni tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna u l-Qorti hi marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta’ stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod iehor.

Dan l-Artikolu fil-parti rilevanti tieghu jaqra hekk –

*"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta’ xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

*(a) meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;...."*

**"*Ghemil Amministrattiv"***

Illi dwar il-kwistjoni ta’ x’inhu ghemil amministrattiv jinghad li skont l-**artikolu 469A (2) tal-Kapitolu 12,** *“ghemil amministrattiv” tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'.* Indubbjament l-Awtorita` Marittima intimata hija "awtorita'

pubblika"[21].Ta' min jirraviza li llum il-gurnata din l-Awtorita' giet assorbita minn, u l-assi taghha ittrasferiti lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta[22].

Sfortunatament il-ligi ma tiddefinixxiex il-frazi *"organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna".* Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet "**Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru,** il-Qorti ta' l-Appell irravviza li *"Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' "ghemil amministrattiv" teskludi "xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita", din l-eskluzjoni ma tirreferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skont il-grad li bih huwa spicca mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma "interna", ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`."*

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hi tal-fehma li l-agir tal-Bord fil-kaz in mertu jaqa' fid-definizzjoni ta' *ghemil amministrattiv ai fini* tal-indagni in mertu.

Bir-rikors odjern, ir-rikorrent mhuwiex qed jimpunja d-decizjoni dixxiplinarja fis-sustanza taghha imma qed jillanja dwar it-tul taz-zmien mehud sabiex l-Awtorita' waslet ghad-decizjoni finali fil-kaz tieghu.

**<u>Art 469A(4)</u>**

[21] Ara l-Att Dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap.497 tal-Ligijiet ta' Malta).
[22] Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skont l-Awtorita', ir-rikorrent kellu semmai iressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali *ai termini* tal-artikolu 469A(6) u 469A(4) tal-Kap.12, billi din hija kwistjoni li tirrigwarda l-impieg tieghu jew kuntratt tas-servizz mal-Gvern.

Qabel xejn din il-Qorti tinnota li r-riferenza ghall-artikolu 469A(4) saret fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Intimata u ma gietx sollevata formalment bhala eccezzjoni *in limine.* B'konsegwenza ta' dan, ir-rikorrent ma kellux l-opportunita' li jindirizza din is-sottomissjoni. Madanakollu din is-sottomissjoni mhix kondiviza minn din il-Qorti.

Skont kif gie ribadut fil-kaz **"*Cauchi v Awtorita' tal-Ippjanar*"**[23] dan is-subartikolu "*m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma tutilizzax tali proceduri disponibbli.”*

Ikkonsidrat li l-proceduri imsemmija quddiem it-Tribunal Industrijali kienu jkunu ta' rimedju alternattiv f'kaz li r-rikorrent kien qed ifittex biex jimpunja d-decizjoni jew il-proceduri tal-Bord b'appell mill-istess. Izda bil-kawza odjerna hu qed jitlob rimedju ghad-dewmien fl-ghotja tad-decizjoni tal-Bord fejn baqa' sospiz mix-xoghol sakemm din id-decizjoni ttiehdet finalment. Din il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent kien jikseb rimedju effikaci ghad-dewmien lamentat mit-Tribunal Industrijali li setghet biss tinvestiga fis-sustanza taghha l-kaz tat-tkeccija u s-smigh quddiem il-Bord. Jigi precizat li l-istharrig gudizzjarju tad-decizjoni ta' Tribunal Amministrattiv m'ghandux jigi kkonsidrat bhala appell mid-decizjoni tal-

[23] App. Civ. 5 ta' Ottubru 2001

Bord tad-Dixxiplina. (Ara ad ez. **"Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim' Ministru vs Joseph Rizzo"** (P.A. (RCP) 3 ta' Ottubru 2000):

**Art. 469A(6)**

L-intimata mbaghad tinvoka l-artikolu 469A(6) u jghid li "*kwistjonijiet li jirrigwardaw impieg jew kuntratti ta' servizz mal-Gvern ma japplikawx ghalihom dan l-artikolu.*"[24]

Dan is-subartikolu jaqra hekk:

"***469A (6)*** *Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra."*

Il-principju enuncjat f'dan is-subinciz ta' l-artikolu 469A huwa ta' spiss citat mill-amministrazzjoni fil-kawzi li jigu istitwiti kontriha minn membri tas-servizz pubbliku meta jigi allegat li saret xi ingustizzja fil-konfront taghhom mill-*employer*, u dana billi jigi ritenut mill-amministrazzjoni li r-relazzjoni naxxenti minn tali impieg hija wahda specjali li ma taghtix lill-impjegat fis-servizz pubbliku l-vantagg tal-protezzjoni ta' ligijiet specjali, socjali li jirregolaw il-kondizzjonijiet ta' xoghol, l-ingagg, it-tkeccija u naturalment il-hlas ghax-xoghol prestat, b'mod li tigi avvantaggata l-

[24] Nota ta' sottomissjonijiet a fol.173

amministrazzjoni pubblika a skapitu tal-impjegat civili. Jidher pero' li din it-teorija tad-Dritt Amministrattiv Ingliz tan-"*non legal nature of the civil service*" ilha li giet konsiderevolment imxellfa. Infatti l-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll xi pronunzjamenti tal-Qorti ta' l-ewwel grad, irretenew li meta jirrizulta ksur tal-obbligi naxxenti mill-kuntratt ta' impieg ezistenti bejn il-Gvern u l-ufficjal pubbliku, il-Qorti ghandha mhux biss id-dritt li tindaga izda li ukoll, jekk ikun mehtieg, tordna rimedju.

F'dan ir-rigward, il-Qorti ta' l-Appell, fil-kaz **"Helen Borg v On.Prim'Ministru et" (**dec. fid-9 ta' Frar 2001) irriteniet hekk:" *Hi certament ma tistax taqbel illi s-sub-inciz 6 ta' dak l-artikolu kien a priori jezawtora l-Qrati ordinarji mill-kompetenza illi dejjem u f'kull kaz ma jissindikawx l-operat tal-Gvern fir-rigward tar-relazzjonijiet li jinholqu bejnu u bejn persuni mpjegati fis-servizz civili tieghu."* Dik il-Qorti, kellha in fatti l-opportunita' illi tinoltra ruhha fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz f'sentenza li pronunzjat fil-5 ta'Ottubru 1998, f'kawza fl-ismijiet "**Carmelo sive Charles Magri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**" fejn giet investita wkoll il-kwistjoni tal-insindikabbilta` tal-operat tal-Gvern fir-rigward tal-impjegati tieghu. F'dik il-kawza, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li **"***Ghandu jkun pacifiku allura fl-istat tal-ligi in materja kif evolviet, illi dan "ir-rapport specjali" li jirrikonoxxi u jistabbilixxi l-artikolu 469A(6) tal-Kap. 12 johloq kuntratt specjali bejn il-Gvern li qed jimpjega u l-impjegat tieghu li jikkrea drittijiet u obbligi reciproci, anke jekk veru regolati b'disposizzjonijiet specjali, imma li xorta wahda huma azzjonabbli kemm in linea ta' "specific performance" kif ukoll in linja ta' danni jekk dan ma jkunx ghadu possibbli.***"**

Din is-sentenza giet iccitata b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz **"David Gatt v Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami "- (**deciz fis-6 ta' Settembru 2010) fejn gie iccitat ukoll dak li inghad mill-Qorti tal-

Appell fis-sentenza "**Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru"** (deciza fis-7 ta' Ottubru 2005) - kawza li kienet tirrigwarda il-komputar ta' pensjoni ta' ufficjal pubbliku – fejn il-Qorti ghamlitha cara illi *"Anqas hija korretta l-konkluzjoni li l-Artikolu 469A ma japplikax minhabba dak li jipprovdi is-subartikolu (6) tieghu....... (K)ulma jaghmel dana s-subartikolu huwa li jaghti direzzjoni dwar x'ligi jew ligijiet huma applikabbli fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' impieg u ta' servizz mal-Gvern ghall-fini ta' interpretazzjoni u applikazzjoni kemm ta' l-Artikolu 469A kif ukoll ta' kull disposizzjoni ta' ligi ohra, izda mhux li jeskludi l-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu 469A ghal kull haga li tinvolvi servizz mal-Gvern."*

Il-Qorti taghmel taghha dan il-hsieb. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan l-artikolu jippreciza li l-kondizzjonijiet tal-impieg applikabbli ghall-haddiema fis-settur pubbliku huma *lex specialis*. Dan ifisser li huma dawn id-disposizzjonijiet legali li ghandhom japplikaw sostantivament ghar-relazzjonijiet ta' impieg tal-haddiema tal-Gvern imma b'hekk mhix eskluza ghal din il-Qorti li tistharreg l-ghemil amministrattiv in mertu.

**<u>Art.469A(1)(a) u allegat ksur tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.</u>**

L-awtorita' intimata, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, issottomettiet li "*lanqas tista' din il-kawza titqies bhala 'procedura semplici' ghal danni civili meta hija 'konfezzonjata' bhala lment ta' natura kostituzzjonali.*[25]

Din is-sottomissjoni tixhet l-ottika fuq aspett procedurali li din il-Qorti ser ikollha tiddelineja.

[25] Fol.175 tal-process.

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija",** deciza fit-2 ta’ Novembru 2001, il-Qorti Kostituzzjonali kienet esprimiet ruhha hekk:

*“...... (I)l-gurisprudenza ta’ din il-Qorti f’dawn l-ahhar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) tal-artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill- [recte lill-] istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta’ rikors ta’ kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 34 sa 45 maghdudin tal-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta’ din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.*

*Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b’finalita` ta’ rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja` gie rilevat f’gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.*

*Kif accennat, l-ghemil amministrattiv jista’ jikser il- Kostituzzjoni fir-rigward ta’ hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali.*

*F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja...... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghal-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ....... tikkonkludi biss billi tinnota illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva. Mill-banda l-ohra, ta' min ifakkar, illi jidher illi l-legislatur originarjament intenda li, bl-introduzzjoni tal-inciz (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduci u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setghet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inkluzi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi originarjament l-inciz (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll ghall-inciz (1)(a).*

*Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-legislatur gie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika ghal ghemil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dan bl-Att IV tal-1998. L-emenda pero` bl-ebda mod ma ccarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali."*

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza iktar recenti fl-ismijiet "**Christopher Hall v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali",** deciza fit-18 ta’ Settembru 2009, waslet ghall-konkluzjoni illi:

*" Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini ta’ l-istess Kostituzzjoni jkun jista’ jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem “imur mod iehor kontra l-ligi” fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 (u dan kuntrarjament ghal dak li donnha rriteniet il-Prim Awla fis-sentenza taghha fil-kaz ta’* ***Raymond Farrugia****, supra). A skans ta’ ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b’success, l-“eccezzjoni” li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat[26], jew li l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319) ma jistax jigi applikat ex officio mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skont l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta’ rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a)*

[26] *Proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga – Art. 4(2) – tal-Kap. 319.

*jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghmil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-proviso msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat ex officio mill-Qorti."*[27](sottolinear tal-Qorti Kostituzzjonali.)

Kaz li kien jinvolvi dewmien minn entita' amministrattiva fl-ghotja ta' decizjoni, kien dak deciz fl-ismijiet "**Gasan Enterprises Limited v Awtorita' ta' l-*Ippjanar"(***PA(Kost)TM - dec. fit-3 ta' Ottubru 2002). Ghall-invers tal-kaz odjern, ir-rikorrent f'dik il-kawza kien istitwixxa proceduri ta' indoli kostituzzjonali u l-Qorti kellha tikkonsidra jekk ir-rikorrent seta' mexa' ghar-rimedju amministrattiv skont l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap.12.

Fis-sentenza taghha fejn cahdet l-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' intimata l-Qorti ikkonsidrat:

*"Fuq kollox, is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali personali taghha, drittijiet protetti biss bil-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, u r-rimedju ma jistax ikun hlief wiehed provdut taht dawk il-ligijiet. Ir-rikorrenti mhux qed tilmenta min xi agir (jew nuqqas ta' agir) li, per ezempju, sehh ghal ghanijiet mhux xierqa jew li hu msejjes fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti; ma hi qed tattribwixxi ebda mottiv ulterjuri lill-Awtorita' tal-Ippjanar, izda qed tilmenta mill-fatt tad-dewmien ut sic u qed tghid li, fic-cirkustanzi, dak id-dewmien mhux ragjonevoli. Is-socjeta' rikorrenti mhix qed tilmenta li l-Awtorita' hadet xi decizjoni zbaljata, imma li naqset li tiprocessa l-*

[27] Dawn is-sentenzi gew iccitati b'approvazzjoni mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismjiet "**David Gatt v Prim Ministru Hon. Edward Fenech Adami et.**" -(dec.fis-6 ta' Settembru 2010).

*applikazzjoni taghha fi zmien ragjonevoli u tali talba trid bil-fors tigi mistharga fil-kuntest ta' principji enuncjati fi trattazzjoni ta'ilmenti bazati fuq ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem."*

Dan hu l-istess bhal kaz odjern.

Skont l-artikolu **46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:**

*"(3) Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-*

*Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha ttqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."*

Ikkonsidrat li din il-Qorti ghandha wkoll gurisdizzjoni originali biex tittratta kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali li jipprezentaw ruhhom skont l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk dan il-kaz jista' jkompli quddiem din il-Qorti. Hu minnu li f'xi istanzi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghazlet li tipprefiggi terminu sabiex tigi istitwita kawza kostituzzjonali mill-persuna li qajjem kwistjoni simili (ara ad. ez. l-*iter* li kkulmina fis-sentenza "***Rita Portelli v Prim' Ministru"*** (QK - dec. fit-30 ta' Marzu 1987) izda, fil-fehma tal-Qorti, tali triq mhix gustifikabbli jew mehtiega f'dan il-kaz.

Issa fil-kaz odjern, ir-rikorrent qed jitlob "*dawk ir-rimedji mehtiega inkuz d-danni hekk likwidati*" (it-tieni talba attrici). Mhuwiex ghalhekk qed jillimita t-talba tieghu ghar-rimedji materjali imma jirrizulta li qed jittenta jottjeni rimedji li jmorru oltre l-effikacja tal-artikolu 469A u li mhumiex limitati ghal danni akwiljani jew kontrattwali.

Kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz appellat "**Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-*Ambjent u l-Ippjanar*"** *(deciz fit-3 ta' Frar 2009) "Meta jigi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza."*

Il-Qorti tinnota li r-rikorrent ma ghamel l-ebda tentattiv biex jillikwida t-talba tieghu ghad-danni allegatament sofferti. Kull ma jghid hu li "*...l-ghemil amministrattiv....ikkawzatlu danni liema danni zgur li ghandhom jigu likwidati billi l-Qorti ghandha tiehu zgur in kunsiderazzjoni li l-attur bejn it-13 ta' Ottubru 2008 sal-25 ta' Marzu 2009 meta il-Qorti giet avzata mill-partijiet li l-attur rega' iddahhal ghax-xoghol mis-sospensjoni per konsegwenza tal-procedura tad-dixxiplina...."*[28].

## Dewmien

[28] Nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent a fol 163 tal-process.

**L-artikolu 39(2)** tal-Kostituzzjoni jiggarantixxi l-jedd ghas-"*smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*."

Ikkonsidrat li skont ir-rikorrent, kollox hu marbut mad-dewmien bejn l-ittra tal-13 ta' Ottubru 1998 u d-decizjoni tal-Bord li ttiehdet fid-19 ta' Frar 2009. Dan ghaliex sakemm ir-rikorrent avza lill-Bord fit-13 ta' Ottubru 2008 li kien qed jezentah milli jerga' jisma' l-kaz mill-gdid, kienet inzammet seduta fit-22 ta' Lulju 2008 li, izda, giet differita minhabba l-indisposizzjoni tal-istess rikorrent.[29]

Izda minn ezami tal-provi din il-Qorti ma ssibx li kien hemm dewmien esagerat jew li parti mid-dewmien ma kienx imputabbli lir-rikorrent.

Qabel xejn ir-rikorrent qed jitlob lil din il-Qorti biex tiehu in konsiderazzjoni bhala dewmien il-perjodu bejn it-13 ta' Ottubru 1998 sal-25 ta' Marzu 2009 li hija d-data tal-verbal quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta. Madanakollu l-Qorti ghandha quddiemha l-ittra mibghuta lir-rikorrent datata id-19 ta' Frar 2009 **(DOK RS1**)[30] u ma giex sottomess li din l-ittra damet ma ntbaghtet. Ghalhekk qed tiehu din l-ahhar data biss in konsiderazzjoni. *Inoltre* l-Qorti ghandha thares lejn iz-zmien kollu minn meta beda l-kaz sad-decizjoni biex tevalwa r-ragjonevolezza *o meno* tal-agir tal-Intimata ghaliex dan jofri l-isfond fattwali li fih hadem il-Bord.

Din il-Qorti tinnota li r-rikorrent kien ilmenta bid-dewmien ghall-ewwel darba permezz tal-protest gudizzjarju tieghu tal-11 ta' Awwissu 2008 (filwaqt li l-kaz tieghu instema' f'April 2008) u li l-Awtorita' kienet wegbitu

[29] Appendix 1 a fol. 90
[30] Esebita a fol.66

fil-pront. Rega' baqa' passiv sat-13 ta' Ottubru 2008 meta gharraf lill-Awtorita' li setghet tghaddi ghad-decizjoni fuq il-provi migbura. Anke qabel il-protest gudizzjarju, jidher li kien hemm skontri li kienu jinvolvu t-tibdil tal-avukat da parti tar-rikorrent, u n-non attendenza tar-rikorrent minhabba l-indisposizzjoni tieghu.

Ray Stafrace, li kien inkarigat biex jirrevedi u jiddeciedi l-kaz ma setghax jaghti r-raguni ghad-dewmien. Izda kemm hu, kif ukoll ic-*Chairman* tal-Bord (li fil-mori kien irrizenja) kienu konkordi li l-agir tar-rikorrent kien jimmerita t-tkeccija. Minnkejja dan kollu, u ghar-ragunijiet umanitarji, irrakkommanda li r-rikorrent jerga' jidhol ghax-xoghol, liema rakkommandazzjoni jidher li giet accettata mill-Awtorita'.

Dawn il-fatti, li mhumiex ikkontestati, certament juru li l-Awtorita' ma mxietx b'mod irragjonevoli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. *Inoltre* anke li kieku din il-Qorti sabet dewmien irragjonevoli, zgur li ma kienx hemm xi *mala fede* da parti tal-Awtorita` (ara l-artikolu **469A(5) tal-Kap.12).** Jista' jkun li f'certu cirkostanzi zmien ta' erba' xhur ghal-decizjoni fuq kaz gja migbur jista' jidher li hu rragjonevoli, izda f'dan il-kaz, id-decizjoni ahharija kienet wahda ta' tkeccija li r-rikorrent lanqas qed jidher li qed jikkontesta.

Hija ghalhekk sorprendenti kif baqa' jinsisti ghad-danni meta effettivament kellu jispicca barra mix-xoghol. L-awtorita` izda ghazlet *on compassionate grounds* biex ma ttellifx l-impieg lir-rikorrent.

Din il-Qorti ma tistax, f'dawn ic-cirkostanzi, tikkonsidra bl-ebda mod li l-intimata agixxiet irragjonevolment tenut kont li kien hemm diversi xhur fejn ir-rikorrent stess kien ikkontribwixxa ghad-dewmien. *Inoltre* lanqas

taqbel li l-Awtorita agixxiet *in mala fede* meta, ghall-kuntrarju, irreintegrat lir-rikorrent fix-xoghol tieghu mhux ghaliex ma kienx jimmerita t-tkeccija, imma ghaliex ghazlet li ma tinsistix fuq id-dritt li kellha minhabba cirkostanzi personali umanitarji tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ser tichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjoni preliminari tal-Intimat, **tilqa'** l-eccezzjonijiet fuq il-mertu u **Tichad it-talbiet tar-rikorrent** bhala insostenibbli legalment u fattwalment ghar-ragunijiet kollha moghtija fis-sentenza.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------